

# Ċentru tal-Commonwealth għall-Mistrieħ u ta'Carelink/Il-Programmi għall-Anzjani ta' Carelinks North

## Gwida tas-servizzi tal- Commonwealth Respite & Carelink Centre / CarerLinks North għal dawk li jduru b'nies ta''l fuq minn 65 sena (jew nies b' xi kundizzjoni tal-anzjanità bħad-dimenzja)

### The Commonwealth Respite & Carelink Centre / CarerLinks North huwa:

- Ippatroċinat minn Merri Community Health Services (qabel Moreland Community Health Services)
- Ilu jopera fir-Reġjun Metropolitan tat-Tramuntana sa mill-1997 u huwa bażat fi Preston
- Jkopri sebat inħawi tal-gvern lokali: Banyule, Darebin, Moreland, Nillumbik, Whittlesea, Yarra and Hume – barra minn Sunbury (programm tas-Saħħa Mentali biss)..

### Programmi għall-Anzjani

- Il-programmi tal- Commonwealth Respite & Carelink Centre/CarerLinks North għall-Anzjani huma finanzjati mill-Gvernijiet Statali u Federali
- L-iffinanzjar jimmira li jwassal firxa flessibbli ta' għażliet ta' mistrieħ għal dawk li jduru b' xi ħadd
- L-iffinanzjar jimmira li jipprovdi edukazzjoni u taħriġ għal dawk li jduru b' xi ħadd dwar il-kwistjonijiet tad-dimenzja
- It-Tim għall-Anzjani huwa magħmul minn Mexxej tat-Tim, Ħaddiema tas-Sapport għal Dawk li Jduru b'xi Ħadd u Ħaddiem tal-Iżvilupp fil-Komunità-Dimenzja.

### Servizzi disponibbli għal Dawk li Jduru b' xi Ħadd

#### 1. Tim tal-Informazzjoni u Rispons

#### Is-servizzi offruti mit-tim tal-Informazzjoni u r-Rispons jinkludu:

- Informazzjoni dwar l-għażliet tal-mistrieħ għal dawk li jduru b'xi ħadd
- Assessjar bit-telefon bażat fuq il-ħtieġa identifikata ta' min idur b'xi ħadd
- Finanzjar flessibli biex jinxtraw servizzi ta' mistrieħ u oħrajn relevanti
- Sapport emozzjonali għal dawk li jduru b'xi ħadd
- Kordinament tar-riferimenti għas-servizzi relevanti
- Informazzjoni dwar mistrieħ residenzjali inkluż il-mistrieħ ta' emerġenza.

#### 2. Appuntamenti Wiċċ Imb Wiċċ

- Huma offruti lil dawk li jduru b'xi ħadd li jkunu jistgħu jibbenefikaw minn laqgħa ma' impjegat biex jiddiskutu f' iktar dettalji l-informazzjoni dwar ir-riferimenti
- Jistgħu jkunu ta' benefiċċju għal dawk li jduru b'xi ħadd li jinħtieġu informazzjoni ġenerali dwar il-mistrieħ, huma ġodda fil-kura/jew ikunu jridu jiddiskutu l-impatt emozzjonali tal-parti li jagħmlu meta jduru b'xi ħadd
- Min idur b'xi ħadd jista' jkun riferit għand Ħaddiem tas-Sapport għal Min Idur b'xi Ħadd wara l-appuntament Wiċċ Imb Wiċċ.

Merri Community Health Services

CarerLinks North

## 3. Ħaddiema ta' Sapport għal Min Idur b'xi Ħadd

Jaħdmu ma' min idur b'xi ħadd biex:

- Jassessjaw x' sapport ikun meħtieġ biex jgħinu lil min idur b'xi ħadd fix-xogħol tagħhom
- Jipprovdu informazzjoni dwar servizzi tal-komunità
- Jiksbu finanzi biex jorganizzaw il-mistrieħ u sapport relevanti ieħor
- Jirrispondu għall-ħtiġijiet ta' sapport emozzjonali u prattiċi għal żmien qasir
- Jipprovdu għal żmien qasir pariri ta' sapport
- Jirreferu u jgħaqqdu lil min idur b'xi ħadd ma' firxa ta' servizzi.

Raġunijiet għal riferimenti lejn Ħaddiem ta' Sapport għal Min Idur b'xi Ħadd jinkludu:

- Grad għoli ta' pressjoni
- Persuni li jduru b'xi ħadd li jkunu iżolati b'sapport limitat jew xejn
- Sitwazzjonijiet ta' kriżi meta s-saħħa ta' min idur b'xi ħadd tkun f' riskju
- Ir-relazzjoni ta' kura u/jew is-sistema tal-familja tkun fir-riskju li tisfaxxa
- Preżentazzjoni ta' kwistjonijiet inklużi d-diffikultajiet bl-issettjar tal-limiti u l-kunflitti, diffikultajiet ta' komunikazzjoni mas-servizzi u/jew mal-membri tal-familja
- Għajnuna għal żmien qasir fil-kordinament tas-servizz.

## 4. Ħaddiem tal-Iżvilupp fil-Komunità - Dimenzja (Community Development Worker – Dementia)

- Jista' jfassal taħriġ u edukazzjoni għal dawk li jduru b'xi persuna bid-dimenzja
- Fil-preżent qed imexxi proġett biex titqies il-prevalenza tad-Dimenzja fost nies ta' Età Iżgħar (bid-dimenzja qabel ma kellhom 65 sena) u s-servizzi għal min idur bihom.

## Tip ta' Mistrieħ

- Mistrieħ fid-dar – meta min idur b'xi ħadd ikun jinħtieġ sapport fid-dar għall-persuna li jdur biha
- Mistrieħ barra mid-dar – meta impjegat/a tal-mistrieħ jakkompanjaw lil min ikun jirċievi l-kura għal xi ħarġa jew attività
- Mistrieħ bażat f' faċilità – meta min jirċievi l-kura joqgħod f' faċilità tal-kura għall-anzjani. Dan il-mistrieħ jista' jkun qagħda qasira stil ta'dar żgħira f' faċilità bħal Kilby House jew qagħda itwal ta' mistrieħ f' faċilità ta' kura għall-anzjani ta' grad baxx jew għoli
- Attivitajiet fi grupp li jissapportjaw il-ġid ta' dawk li jduru b'xi ħadd
- Programmi ta' edukazzjoni/konferenzi – finanzjar parzjali għal korsijiet relatati max-xogħol ta' kura ta' ħaddieħor
- Għajnuna fit-trasport – eż. Vawċer għal taxi, biljetti tal-met (disponibbiltà limitata)
- Attivitajiet ta' saħħa u ġid għal min idur b'xi ħadd ieħor- massaġġi terapewtiċi, yoga, meditazzjoni.

## Il-proċess tar-riferiment

Jekk jogħġbok ikkuntattja lit-tim tal-Informazzjoni u r-Rispons bit telefon jew l-email

Il-Provdituri tas-Servizzi huma meħtieġa li jimlew formola SCTT inkluża il-'Parti B' tal-formola ta' riferiment għal min Idur b'xi Ħadd

## Kif tikkuntattja il-Commonwealth Respite and Carelink Centre/CarerLinks North

Tista' tikkuntattja s-servizz bit-telefon, bil-fax jew bl-email:

Telefon: 1800 052 222 jew (03) 9495 2500

Fax (03) 9495 2599

Wara l-Ħin tax-xogħol: 1800 052 222

Email: clnintakeworkers@mchs.org.au

Websajt: www.mchs.org.au

## Ħinijiet tax-xogħol:

Mit-Tnejn sal-Ġimgħa mid-9.00am sal-5.00pm

Hemm ukoll disponibbli servizz ta' rispons wara l-ħinijiet tax-xogħol.

Merri Community Health Services

CarerLinks North

Pubblikat f' Awwissu, 2010
Għal iktar tagħrif jew jekk tinħtieġ xi appuntament, ikkuntattja lill-Merri Community Health Services illum

www.mchs.org.au